**14 ta' Frar, 1995**

## Imħallfin:-

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Reġistratur tas-Soċjetajiet

*versus*

Antonia Haber

## Direttur ta' Soċjeta` - Nuqqas li Tinżamm Laqgħa - Penali - Preskrizzjoni

*L-infrazzjonijiet stabbiliti mill-Kapitolu 168 huma klassifikati bħala reati. Fid-dritt pubbliku l-penali tiġi inkamerata mill-fisco statali waqt li fid-dritt privat jeħodha l-kreditur ta' l-obbligazzjoni. Il-penalitajiet tar-Reġistratur tas-soċjetajiet kummerċjali huma penalitajiet li jappartjenu għad-dritt pubbliku u jiġu nkamerati fil-fond konsolidat tar-Repubblika ta' Malta. Għalhekk il-preskrizzjoni applikabbli hija dik tas-sentejn a tenur ta' l-artikolu 2154 (1) tal-Kapitolu 16.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell magħmul mill-konvenuta Antonia Haber minn deċiżjoni <u>in parte</u> mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fejn ġiet miċħuda bħala nfondata l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' sentejn sollevata mill-konvenuta;

B'att ta' ċitazzjoni l-attur ippremetta illi l-konvenut bħala direttur u uffiċjal tas-soċjeta' Axiaq & Sons Development Co. Ltd. huwa responsabbli għan-nuqqas li tinżamm il-laqgħa ġenerali u annwali u li konsegwentement li jitqiegħed quddiem il-laqgħa kont tal-qligħ u tat-telf fiż-żmien mogħti mil-liġi għas-snin 1984, 1985 u 1986 kif maħsub bl-artikoli 112 u 134 ta' l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali (Kapitolu 168) u wara li ppremetta illi skond l-artikoli 113 u 139 iffissa penali fis-somma ta' Lm105.00,0, u wara li ippremetta li ta lill-konvenuta avviż bil-miktub tan-nuqqasijiet tiegħu u tal-penali relattivi dovuta (Dok. A), dan naqas li jagħmel l-oġġezzjoni bil-miktub fiż-żmien lilu mogħti ta' 20 ġurnata u għalhekk din il-penali hija dovuta, talab li l-konvenuta tkun kkundannata tħallas lill-attur s-somma ta' Lm105 għar-raġunijiet fuq indikati;

B'nota ta' l-eċċezzjonijiet il-konvenuta eċċepiet l-inkompetenza ta' l-ewwel Qorti *rationae valoris* u li fil-meritu l-ammont mitlub huwa preskritt u li fi kwalunkwe każ il-konvenuta mhix debitriċi lejn l-attur għall-ebda ammont ta' flus;

Bil-verbal tal-20 ta' Marzu, 1992 l-konvenuta irtirat l-ewwel eċċezzjoni tagħha u ssollevat illi l-preskrizzjoni minnha indikata hija dak ta' l-artikolu 2149 (e) tal-Kodiċi Ċivili;

Bil-Verbal tat-12 ta' Novembru, 1992 il-konvenuta iddikjarat illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija bażata fuq l-artikolu 2154 (1) tal-Kodiċi Ċivili abbinata ma' l-artikolu 688 (e) tal-Kapitolu 9;

B'sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-20 ta' Jannar, 1993 ġiet miċħuda l-eċċezzjoni ta' sentejn sollevata mill-konvenuta a tenur ta' l-artikolu 2154 tal-Kapitolu 16 abbinat ma' l-artikolu 688 (e)

tal-Kapitolu 9 u ġie ordnat il-prosegwiment tal-azzjoni;

Il-konvenuta ħasset ruħha aggravata minn din is-sentenza u b'Nota ta' l-Appell tal-25 ta' Jannar interponiet umili appell minnha għal quddiem din l-Onorabbli Qorti. Fl-1 ta' Frar, 1993 l-appellanti ippreżentat Petizzjoni ta' l-Appell fuq l-aggravji segwenti:

Illi fil-Kapitolu 191 (2) ta' l-Ordinanza in kwistjoni jgħid testwalment illi l-penali hija penali għal dak ir-reat. L-infrazzjonijiet li tistabbilixxi l-istess Ordinanza huma klassifikati *ope legis* bħala reati. Illi l-liġi stess tikklassifika l-infrazzjoni ta' l-artikolu preċitat bħala "reat". Dan il-punt ta' liġi ġie deċiż f'kawża reċentement deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Reġistratur tas-Soċjetajiet *vs* Albert Carter** mogħtija fis-27 ta' Frar, 1992 li stabbilit illi l-preskrizzjoni applikabbli għall-każ in eżami huwa l-artikolu 2154 (1) abbinat ma' l-artikolu 688 (e) tal-Kapitolu 9;

Illi l-esponenti ssollevat ukoll il-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-artikolu 2149 (e) tal-Kodiċi Ċivili. Dan jistabbilixxi preskrizzjoni ta' sentejn għal dak li huwa dovut lill-Gvern. Il-penali pretiża mill-attur huma dovuti lill-Gvern u jmorru fil-fondi pubbliċi. L-attur ma jistax jinvoka l-artikolu 2156 (f) li jistabbilixxi preskrizzjoni ta' ħames snin għaliex kif jistabbilixxi l-istess artikolu dan huwa *barred* b'terminu aqsar li huwa indikat fl-artikolu 2149(e) ta' l-istess Kodiċi;

Għaldaqstant il-konvenuta appellanti talbet lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fl-20 ta' Jannar, 1992 u tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-appellant bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

L-attur appellat wieġeb li hu jaqbel perfettament mat-teżi ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li ċaħdet it-talba tal-konvenuta li sostniet illi l-preskrizzjoni in kwistjoni kellha tkun dik inkwadrata fl-artikolu 688 (e) tal-Kodiċi Kriminali abbinata ma' l-artikolu 2154 (1) tal-Kodiċi Ċivili;

Issottometta wkoll illi għalkemm jissemma l-kliem "penali" u "reat" fil-Kapitolu 168, pero' b'daqshekk ma hemm l-ebda riferenza għal xi "delitt", jew għall-piena tal-lavuri forzati jew priġunerija jew għall-pieni tal-kontrovenzjonijiet kontemplati fil-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9) f'dan il-Kapitolu Il-kelma "penali" fil-Kapitolu 168 hi wżata biss f'sens ċivili u m'għandha ebda konnotazzjoni kriminali, il-qorti li tieħu konjizzjoni ta' dawn il-kawżi dejjem kienet u għadha dik tal-Kummerċ (Qorti Ċivili). L-esponent jirrileva li l-kelma "penali" *per se* ma toħloq l-ebda problema ta' kompetenza bejn Qorti u oħra stante li hija *intrinsikament* ta' indoli ċivili kif jirriżulta manifestament mill-Kodiċi Ċivili;

Għal dawn ir-raġunijiet huwa talab il-konferma tas-sentenza appellata stante li hija ġusta u ċ-ċaħda tat-talba ta' l-appellanti, bl-ispejjeż;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell, din il-Qorti sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

*Omissis*;

Waqt it-trattazzjoni orali, l-attur appellat issottometta li l-kliem adoperat mill-Ordinanza (Kapitolu 168) jiġifieri "penali" u "reat"

huma infeliċi u legalment skorretti in kwantu dawn jirreferu għall-ħlasijiet dovuti lill-appellat għal nuqqasijiet da parte tal-konvenuta appellanti, nuqqasijiet ta' indole ċivili bla ebda konnotazzjoni kriminali. Issottometta kwindi l-appellat, kif tajjeb iddeċidit l-ewwel Qorti, li l-preskrizzjoni applikabbli se mai hija dik ta' ħames snin u mhux ta' sentejn;

Jidher li l-appell tal-konvenuta huwa prinċipalment imsejjes fuq deċiżjoni reċensjuri mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, li daħlet *funditus* fuq l-aspett legali tal-punti li tqajjmu wkoll f'dan l-appell mill-kontendenti;

Fil-kawża msemmija mill-appellanti, jiġifieri dik fl-ismijiet **Reġistratur tas-Soċjetajiet *vs* Albert Carter** (Ċit. Nru. 747/88) deċiża fis-27 ta' Frar, 1992 ġie ritenut *inter alia* li :

"illi l-artikolu 191(2) ta' l-Ordinanza in kwistjoni jgħid testwalment illi l-penali hija l-penali għal dak ir-reat. L-infrazzjonijiet li tistabbilixxi l-istess Ordinanza huma klassifikati, di fatti *ope legis*, bħala reati";

Konsegwentement, fl-istess deċiżjoni surriferita ġie wkoll ritenut:

Illi l-liġi ssejjaħ din l-infrazzjoni reat, u indipendentement mill-fatturi li jistgħu jiddeferenzjaw proċeduri konnessi mal-prosekuzzjoni ta' dan ir-reat mill-prosekuzzjoni ta' reati oħrajn, jibqa' l-fatt illi l-liġi ma tużax kliem oħra, imma l-kelma "reat", u

Illi l-artikolu 2156 (1) tal-Kapitolu 16 (jiġifieri l-preskrizzjoni kwinkwennali) ċitat b'approvazzjoni għat-teżi tiegħu mill-appellat

*odjern ma jirrigwardax ġbir ta' somom tan-natura bħal dik in eżami*, bensi` ta' somom naxxenti mir-relazzjoni bejn il-privat;

L-artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 jolqot kull azzjoni regolata mid-dritt privat u mhux mid-dritt pubbliku. Issa hemm żewġ kwalitajiet ta' penalitajiet komminati mil-liġi:

Penalitajiet fid-Dritt Pubbliku li jsegwu u huma aċċessorji għar-reati li huma mezz punittiv jew dixxiplinari, u

Penalitajiet fid-Dritt Privat li ġeneralment jirrappreżentaw *danni likwidati antiċipatament* jew *da liquidarsi*;

Fid-dritt pubbliku l-penali tiġi nkamerata mill-fisco statali waqt li fid-dritt privat jeħodha l-kreditur ta' l-obbligazzjoni. Kif ġie wkoll ritenut in re **Registratur tas-Soċjetajiet vs Carter** ġa` ċitata:

"Ma jidhirx li hemm xi diffikulta` li .... l-penalitajiet tar-Reġistratur tas-Soċjetajiet Kummerċjali huma penalitajiet li jappartjenu għad-dritt pubbliku u jiġu nkamerati fil-fond konsolidat tar-Repubblika ta' Malta.

*L-artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 manifestament* jolqot kull azzjoni regolata għad-dritt privat u mhux mid-dritt pubbliku ....";

Din il-Qorti kif presjeduta, tikkondividi pjenament dak li ġie deċiż fil-preċitata sentenza **Reġistratur tas-Soċjetajiet** *vs* **Albert Carter** deċiża minn din il-Qorti fis-27 ta' Frar, 1992;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-konvenuta in kwantu tiddikjara li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik tas-sentejn u a tenur ta' l-artikolu 2154 (1) tal-Kapitolu 16 u għalhekk tiddikjara l-azzjoni attriċi bħala waħda preskritta u b'dan li tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fl-20 ta' Jannar, 1993 bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.